KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 17.7.2009
KUMM(2009) 382 finali

2009/0105 (COD)

Il-proposta

IR-REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1080/2006 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali fir-rigward tal-eliġibbiltà tal-interventi għall-akkomodazzjoni favur il-komunitajiet emarġinati

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha**

Il-proposta għandha l-għan li tippermetti s-sostenn finanzjarju tal-FEŻR (Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali) biex isiru l-interventi dwar l-akkomodazzjoni favur il-komunitajiet emarġinati fl-Istati Membri li daħlu fl-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004 jew wara. Fl-Istati Membri l-ġodda, il-biċċa l-kbira minn dawn il-komunitajiet joqogħdu f'żoni rurali u fid-djar ta' kenn (kemm f'żoni rurali kif ukoll fl-ibliet) u ma jistgħux jibbenefikaw mis-sostenn tal-FEŻR.

L-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-FEŻR[1] jistipula l-eliġibbiltà tal-infiq fl-akkomodazzjoni fl-Istati Membri l-ġodda. Madankollu, l-esperjenza s'issa turi li l-kundizzjonijiet għall-eliġibbiltà ma jissodisfawx il-ħtiġijiet attwali.

Fil-preżent, skont id-dispożizzjonijiet attwali tal-FEŻR, l-interventi dwar l-akkomodazzjoni jistgħu jsiru fil-qafas tax-xogħlijiet tal-iżvilupp *urban* u taħt forma ta' *restawr ta' djar preżenti*. Għaldaqstant, is-sostenn tal-interventi dwar l-akkomodazzjoni fiż-żoni rurali jew għas-sostituzzjoni ta' "djar" li huma fi stat ħażin ħafna fl-ibliet u fiż-żoni rurali ma jistax ikun eliġibbli skont il-FEŻR.

Qed jiżdied it-tħassib u qed jinħass il-bżonn fl-UE li tkun miġġielda l-esklużjoni soċjali, u dan jinkludi s-sitwazzjoni partikolari tar-Roma. Il-Parlament Ewropew[2] u l-Kunsill[3] kemm-il darba talbu li l-Kummissjoni tieħu l-passi biex tippromwovi l-inklużjoni ta' dawn il-komunitajiet li jħabbtu wiċċhom man-nuqqas ta' kumditajiet essenzjali u mal-emarġinazzjoni. Il-Kummissjoni kkommettiet ruħha li tipproponi – fil-qafas tal-Fondi Strutturali – miżuri li jtejbu l-kundizzjonijiet tal-ħajja ta' dawn il-Komunitajiet.

Din il-proposta għall-emendar tar-Regolament tal-FEŻR tirrappreżenta dan l-impenn.

U, bil-għan ta' simplifikazzjoni, din il-proposta fiha l-modifiki żgħar għall-abbozz tal-Artikolu 7(2) attwali tar-Regolament tal-FEŻR fir-rigward il-qafas li fi ħdanu jkun jista' jsir intervent dwar l-akkomodazzjoni fl-ibliet mingħajr ma jinbidlu r-regoli attwali tal-eliġibbiltà favur l-UE-12. B'mod partikolari:

i) l-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-FEŻR jagħti lill-Kummissjoni l-poteri tal-implimentazzjoni biex tiddefinixxi l-kriterji tal-għażla taż-żoni u l-lista ta' interventi eliġibbli dwar l-akkomodazzjoni. Il-Kummissjoni eżerċitat il-poteri tagħha fl-Artikolu 47 tar-Regolament (KE) Nru 1828/2006; Madankollu, minħabba d-diversità kbira tas-sitwazzjonijiet attwali tal-akkomodazzjoni, jidher ċar li l-kriterji li ffissat il-Kummissjoni mhumiex xierqa. Għaldaqstant, issa ġew issimplifikati. Biex tiġi adottata s-simplifikazzjoni tal-Artikolu 47 tar-Regolament (KE) Nru 1828/2006 li qed issir bħalissa, huwa propost li jkun stipulat li l-poteri tal-implimentazzjoni mogħtija lill-

---

1 Ir-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 397/2009, ĠU L 210, 31.7.2006, p. 1.

2 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Marzu 2009 dwar is-sitwazzjoni soċjali tar-Roma u t-titjib tal-aċċess tagħhom għas-suq tax-xogħol fl-UE (2008/2137(INI).

3 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-inklużjoni tar-Roma, il-Lussemburgu, it-8 ta' Ġunju 2009.

Kummissjoni jkunu b'għażla u mhux obbligatorji.

ii) Biex l-affarijiet ikunu ċari, it-tipi ta' interventi li jkunu eliġibbli fil-bini eżistenti (ir-restawr u t-tibdil tal-użu tal-bini pubbliku biex jintuża bħala "akkomodazzjoni soċjali") għandhom jiddaħħlu fir-Regolament propost.

iii) Fl-aħħar nett, il-kliem li jidher fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-FEŻR, l-infiq se jkun ipprogrammat "fil-qafas ta' *operazzjoni* ta' żvilupp ta' belt jew *linja ta' prijorità* għaż-żoni fejn hemm jew fejn jidher li se jkun hemm deterjorament fiżiku u esklużjoni soċjali" jeħtieġ li jkun irranġat. Għalhekk huwa propost li l-kliem "operazzjoni" u "linja ta' prijorità" ikunu sostitwiti bit-terminu "approċċ integrat", li jiżgura li intervent dwar l-akkomodazzjoni jkun jifforma parti minn intervent fuq medda iżjed wiesgħa li jinkludi aspetti marbutin mal-akkomodazzjoni bħal mhuma s-servizzi soċjali, il-postijiet pubbliċi, il-kultura, l-edukazzjoni, l-infrastruttura tat-trasport, l-attivitajiet ekonomiċi taż-żona, eċċ. mingħajr ma jitqiesu s-sorsi tal-finanzi.

lt

- **Il-kuntest ġenerali**

L-aċċess għall-akkomodazzjoni u kundizzjonijiet tal-għajxien li huma sodisfaċenti huma ħtiġiet bażiċi fis-soċjetà tagħna, b'mod partikolari għal dawk li huma l-iżjed vulnerabbli.

Il-kundizzjonijiet tal-għajxien b'nuqqasijiet estremi, ta' komunitajiet emarġinati, huma, fil-biċċa l-kbira, ta' min jikkundannahom: Rata ogħlja ta' nies bla impjieg, livelli baxxi ta' edukazzjoni, nuqqas ta' snajja', nuqqas ta' servizzi tas-saħħa, il-kriminalità, is-segregazzjoni fiżika, l-esklużjoni soċjali, ir-razziżmu u l-iżgumbramenti, flimkien jagħmlu xbiha kerha li tmur kontra l-valuri bażiċi tal-Unjoni Ewropea.

Is-sostenn finanzjarju mill-Fondi Strutturali jistgħu jgħajnu bil-kbir l-isforzi tal-Awtoritajiet Nazzjonali biex itemmu sitwazzjonijiet inaċċettabbli bħal dawn. Għalhekk, se jsiru disponibbli l-allokazzjonijiet finanzjarji wkoll għall-interventi għall-akkomodazzjoni favur il-komunitajiet li bħalissa mhumiex eliġibbli skont il-FEŻR, jiġifieri: i) għall-interventi favur l-akkomodazzjoni li mhumiex limitati għall-bliet, u ii) għall-interventi favur l-akkomodazzjoni fejn djar ta' kundizzjoni ħażina ħafna jinbnew mill-ġdid, mingħajr ma titqies iż-żona fejn qegħdin (kemm jekk ikunu f'"belt" kif ukoll f'post "rurali").

Biex tiġi evitata d-diskriminazzjoni inġustifikata, il-prinċipju ewlieni tal-interventi proposti għandhom ikunu t-tieni Prinċipju Bażiku dwar l-inklużjoni tar-Roma; skont dan il-prinċipju l-interventi li jqiegħdu lill-poplu Roma bħala pubbliku destinatarju ma għandhomx jeskludu lil nies oħrajn li qegħdin f'ċirkostanzi soċjoekonomiċi simili[4].

Barra minn hekk, l-interventi għall-akkomodazzjoni favur il-komunitajiet emarġinati li qegħdin fi stat ta' privazzjoni estrema huma biss parti minn kwistjoni kumplessa.

---

4 "Li r-Roma jkunu espliċitament il-pubbliku destinatarju huwa essenzjali fl-inizjattivi tal-politika tal-inklużjoni, imma dawn ma għandhomx ikunu esklużivi. Dan jimplika li filwaqt li l-poplu Roma jkun il-pubbliku destinatarju **ma jeskludix nies oħra li qegħdin f'ċirkostanzi soċjoekonomiċi simili (...)"** Prinċipji Bażiċi Komuni dwar l-Inklużjoni tar-Roma kif ġew diskussi fl-ewwel laqgħa tal-pjattaforma integrata Ewropea għall-inklużjoni tar-Roma, April 2009, mehmużin mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Inklużjoni tar-Roma, fil-Lussemburgu, it-8 ta' Ġunju 2009.

Għalhekk jeħtieġ li jkun hemm approċċ integrat u multidimensjonali lejhom li jkun iddefinit fuq livell nazzjonali, bi sħubiji f'saħħithom li jieħdu ħsieb l-aspetti tal-edukazzjoni, l-affarijiet soċjali, l-integrazzjoni, il-kultura, is-saħħa, l-impjieg, is-sigurtà eċċ. B'hekk, l-għan tal-proposta li temenda r-Regolament tal-FEŻR attwali huwa li, fil-qafas ta' approċċ integrat, jipprovdi kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni aċċettabbli. F'dan il-kuntest, ir-rwol tal-awtoritajiet pubbliċi f'kull stadju tal-implimentazzjoni huwa ta' importanza enormi.

Nd

- **Id-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Bl-eċċezzjoni tal-intervent dwar l-effiċjenza fl-enerġija u l-enerġija rinnovabbli li hu aċċessibbli għall-Istati Membri kollha, l-interventi sostnuti mill-FEŻR fis-settur tad-djar huma riżervati għall-Istati Membri biss li ssieħbu fl-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004 jew wara, u skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 7, il-paragrafu 2 tar-Regolament Nru 1080/2006 u l-Artikolu 47 tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 1828/2006.

Kif ġie spjegat hawn fuq, dawn il-kundizzjonijiet mhumiex biżżejjed biex jieħdu ħsieb il-problema speċifika tal-akkomodazzjoni ta' komunitajiet li huma emarġinati. Ta' min wieħed jinnota wkoll li l-FAEŻR (Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali) diġà qiegħed jintervjeni fis-settur tad-djar f'żoni rurali skont ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005 (pereżempju l-Assi 3 "Il-kwalità tal-ħajja fiż-żoni rurali u d-diversifikazzjoni tal-ekonomija rurali"– l-Artikolu 52(b)(ii) "it-tiġdid u l-iżvilupp tal-irħula").

L-interventi għall-akkomodazzjoni favur il-komunitajiet emarġinati fiż-żoni rurali sostnuti kemm mill-FAEŻR kif ukoll mill-FEŻR, meta jkunu implimentati fil-qafas ta' approċċi integrati, fejn jista' jikkontribwixxi wkoll l-FSE, se jżidu s-sostenn finanzjarju disponibbli b'mod sinifikanti. Ikun fil-kompetenza tal-Istati Membri li jiddefinixxu, fil-qafas tal-approċċ integrat, komplementarjetà tal-Fondi biex jittejjeb mill-iżjed l-effett sinerġiku.

- **Il-konsistenza mal-politiki u l-għanijiet l-oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta hija konsistenti mal-għanijiet politiċi tal-UE fl-oqsma ta' ebda diskriminazzjoni, l-opportunitajiet indaqs, il-koeżjoni ekonomika u soċjali, l-iżvilupp reġjonali u l-koeżjoni territorjali. .

2. IL-KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

- **Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Il-metodi ta' konsultazzjoni, is-setturi ewlenin fil-mira u l-profil ġenerali ta' dawk li wieġbu

L-Awtoritajiet Nazzjonali, ir-rappreżentanti tal-komunitajiet emarġinati u l-MPE ġew ikkonsultati ħafna drabi b'mod informali dwar il-possibbiltajiet li joffri l-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-FEŻR lill-komunitajiet emarġinati; u dwar id-diffikultajiet, u l-modi differenti kif dawn jistgħu jiġu megħlubin.

Sinteżi tar-reazzjonijiet u ta' kif dawn ġew ikkunsidrati

Ir-riżultat ta' dawn il-konsultazzjonijiet kollha kien li s-soluzzjonijiet ibbażati fuq l-interpretazzjoni tar-Regolament Nru 1080/2006 ma kinux adegwati.

- **Il-ġbir u l-użu tal-għarfien espert**

Ma kien hemm bżonn ebda għarfien espert estern.

- **Il-valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta preżenti tippermetti s-sostenn finanzjarju tal-FEŻR fl-interventi għall-akkomodazzjoni fil-każ ta' komunitajiet emarġinati li jgħixu f'kundizzjonijiet ħżiena ħafna u fejn l-okkorrenza tal-esklużjoni soċjali hija għolja. Dan ma jistax iseħħ mingħajr il-modifika tal-qafas regolatorju eżistenti.

3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- **Sinteżi tal-azzjoni proposta**

Il-modifika proposta għall-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali taħseb biex tippermetti u tiffaċilita l-interventi għall-akkomodazzjoni favur il-komunitajiet emarġinati fl-Istati Membri ġodda fil-każijiet fejn id-dispożizzjonijiet attwali ma jistgħux japplikaw. Minħabba l-kumplessità tal-intervent, jeħtieġ li l-Awtoritajiet Nazzjonali jimxu mal-qafas ta' approċċ integrat.

Ma' dan, għall-għan ta' simplifikazzjoni, huma proposti xi modifiki żgħar għall-abbozz tad-dispożizzjoni attwali.

- **Il-bażi legali**

Fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, hemm definiti l-kundizzjonijiet għall-eliġibbiltà li japplikaw għas-settur tad-djar fl-Istati Membri l-ġodda.

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, tant li twessa' l-medda ta' possibbiltajiet għall-Istati Membri l-ġodda biex isostnu l-interventi għall-akkomodazzjoni favur il-komunitajiet emarġinati bil-mod li jidhrilhom li jkun l-iżjed xieraq u fl-istess ħin iżżomm l-approċċ integrat bħala kundizzjoni minima għall-intervent. Dan jippermetti li l-interventi jistgħu jkunu speċifikament xierqa għal kull komunità minkejja li jkunu msejsin fuq metodu komuni.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Din il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità għaliex hija limitata li

tippermetti s-sostenn tal-FEŻR fis-settur tad-djar biss favur il-komunitajiet emarġinati u favur każi fejn ma japplikawx id-dispożizzjonijiet preżenti. Dan l-intervent huwa limitat għal dawk l-Istati Membri li għandhom din il-problema.

- **L-għażla tal-istrumenti**

L-istrument li qed jiġi propost: Ir-Regolament.

Il-Kummissjoni diġà eżaminat il-possibbiltajiet li toffri l-leġiżlazzjoni preżenti. Ir-regoli preżenti li jillimitaw l-eliġibbiltà, ma jippermettux l-interventi għall-akkomodazzjoni barra l-bliet, minkejja interpretazzjoni kemm jista' jkun flessibbli, lanqas ma jippermettu l-bini ta' djar minflok postijiet ta' kenn għal komunitajiet emarġinati li jgħixu fl-Istati Membri.

4. L-IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta ma għandha l-ebda effett fuq il-baġit tal-Komunità.

Il-proposta

2009/0105 (COD)

IR-REGOLAMENT (KE) NRU .../2009 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1080/2006 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali fir-rigward tal-eliġibbiltà tal-interventi għall-akkomodazzjoni favur il-komunitajiet emarġinati

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 162 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni[5],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[6],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[7],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat,

Billi,

(1) Bil-għan li tittejjeb il-koeżjoni soċjali u ekonomika tal-Komunità, jeħtieġ li jkunu appoġġjati l-interventi limitati għar-restawr tal-bini eżistenti biex jintuża għall-akkomodazzjoni fl-Istati Membri li ssieħbu mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004 jew qabel. Dawn l-interventi jistgħu jsiru skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1783/1999[8]

(2) L-infiq għandu jiġi pprogrammat fil-qafas ta' operazzjoni ta' żvilupp urban integrata jew ta' linja ta' prijorità għal żoni li jkunu jinsabu għaddejjin jew mheddin minn deterjorament fiżiku u esklużjoni soċjali. Għall-għan li kollox ikun ċar, il-kundizzjonijiet li jridu jkunu sodisfatti biex isiru l-interventi għall-akkomodazzjoni fl-ibliet jeħtieġ li jkunu simplifikati. Għaldaqstant, l-infiq fuq l-interventi għall-akkomodazzjoni għandhom ikunu pprogrammati skont parametri differenti, ikunu minn fejn ikunu ġejjin il-finanzi għalihom. Irid jingħad ukoll li huwa eliġibbli biss l-infiq fl-interventi fuq binjiet li diġà jeżistu.

---

5 ĠU C [...], [...], p. [...].
6 ĠU C [...], [...], p. [...].
7 ĠU C [...], [...], p. [...].
8 ĠU L 210, 31.7.2006, p. 1

(3) F'dawk l-Istati Membri li japplika għalihom l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006, hemm jgħixu wkoll numru kbir ta' komunitajiet emarġinati. Għalhekk jeħtieġ li l-eliġibbiltà tal-infiq tkun estiża għall-interventi għall-akkomodazzjoni favur dawn il-komunitajiet li jgħixu fiż-żoni rurali.

(4) Jeħtieġ ukoll li l-infiq fil-bini ta' djar ġodda flok dawk li hemm diġà wkoll ikun eliġibbli, kemm jekk dawn il-komunitajiet jgħixu fl-ibliet kif ukoll jekk jgħixu f'żoni rurali, minħabba l-istat ferm ħażin ta' djarhom.

(5) Konformi mal-Prinċipju Nru 2 tal-Prinċipji Bażiċi Komuni dwar l-Inklużjoni tar-Roma li tenna l-Kunsill fil-Konklużjonijiet tiegħu dwar l-Inklużjoni tar-Roma tat-8 ta' Ġunju 2009, l-interventi għall-akkomodazzjoni li jiffukaw fuq grupp destinatarju speċifiku ma għandhomx jeskludu lil nies oħra li qegħdin f'ċirkostanzi soċjoekonomiċi simili.

(6) Konformi mal-Prinċipju Nru 1 ta' dawn il-Prinċipji Bażiċi Komuni, sabiex ikun limitat ir-riskju ta' segregazzjoni, l-interventi għall-akkomodazzjoni ta' komunitajiet emarġinati għandhom isiru fil-qafas ta' approċċ integrat li jinkludi l-miżuri partikolarment fl-oqsma tal-edukazzjoni, is-saħħa, il-kwistjonijiet soċjali, l-impjiegi u s-sigurtà.

(7) Skont il-qafas regolatorju preżenti, il-kriterji għall-għażla taż-żoni għall-interventi għall-akkomodazzjoni huma soġġetti għal proċess ta' simplifikazzjoni. Fir-rigward tad-diversità ta' sitwazzjonijiet ta' akkomodazzjoni fl-Istati Membri, dawn il-kriterji għandhom jiġu definiti b'mod mhux ċentralizzat. Għaldaqstant il-Kummissjoni ma għandhiex tkun obbligata li tadotta dawn il-kriterji.

(8) Ir-Regolament (KE) Nru 1080/2006 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006 jinbidel b'dan li ġej:

"2. L-infiq fuq id-djar, minbarra dak li jsir għall-effiċjenza fl-enerġija u l-użu tal-enerġija rinnovabbli kif stipulat fil-paragrafu 1a, għandu jkun eliġibbli biss għal dawk l-Istati Membri li ssieħbu mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004 jew wara, fejn il-kundizzjonijiet li ġejjin huma sodisfatti:

(a) l-infiq se jkun ipprogrammat f'wieħed minn dawn l-oqfsa ta' hawn taħt:

(i) qafas ta' żvilupp urban integrat f'żoni li għaddejjin minn, jew huma mhedda b'deterjorazzjoni fiżika u esklużjoni soċjali;

(ii) qafas ta' approċċ integrat għall-komunitajiet emarġinati.

(b) L-allokazzjoni għall-infiq fuq l-akkomodazzjoni għandha tkun jew ta' massimu ta' 3 % tal-allokazzjoni tal-FEŻR lill-programmi operattivi kkonċernati jew ta' 2 % tal-allokazzjoni totali tal-FEŻR.

Għall-għanijiet tal-punt (a)(i) tal-ewwel sottoparagrafu, l-infiq ikun limitat għal wieħed minn dawn l-interventi:

- ir-restawr tal-partijiet komuni fil-bini preżenti fejn joqogħdu iżjed minn familja waħda,

- ir-restawr u l-bidla fl-użu ta' bini li huwa l-proprjetà tal-awtoritajiet pubbliċi jew ta' operaturi li joperaw mingħajr skop ta' profitt għall-użu bħala akkomodazzjoni maħsub għal familji bi dħul baxx jew għal persuni bi bżonnijiet speċjali.

Għall-għanijiet tal-punt (a)(ii) tal-ewwel sottoparagrafu, l-interventi jistgħu jinkludu l-bini ta' djar ġodda flok dawk li hemm diġà.

Il-Kummissjoni tista' tadotta l-lista ta' kriterji meħtieġa biex jiġu determinati l-oqsma msemmijin taħt il-punt (a)(i) tal-ewwel sottoparagrafu u l-lista ta' interventi eliġibbli skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 103(3) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u hu applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
[...]	*[...]*